MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Numru. 456/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR GRAZIELLA MUSCAT**
**VS**
**OMISSIS IMPUTAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omissis imputat, iben omissis, imwieled omissis, fil-omissis, residenti gewwa omissis u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru omissis

Billi huwa akkuzat talli fis-sena 2008 u 2009 b’ghemil zieni ikkorrompa lill-minuri Omissis minuri

Aktar talli ippartecipa f’attivita’ sesswali ma’persuna taht l-eta’, cioe l-istess Omissis minuri.

Aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta'l-Artikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta wara li gie misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta'Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. J. Padovani Grima LL..D, nhar il-15 ta'Novembru 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat ghar-rigward it-tieni, it-tielet, u ir-raba' akkuza;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli  ghall-ripensament;

Semghet ir-rinunzja tal-kwerela da parti tal-kwerelanti konjugi Abela;

Semghet ir-rinunzja tal-kwerela da parti ta'Omissis minuri meta din lahqet l-eta maggorenni;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Omissis imputat** hati tat-tieni (2) tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza u wara li  rat Artikoli 204C, 49,50, 28A u 28B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta'Malta, tqieghdu taht ordni tal-*Probation* ghall-perjodu ta' sentejn (2) taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat, u dan ghal-rigward it-tieni (2)u t-tielet (3)  akkuza.  Fil-konfront tar-raba' (4) akkuza il-Qorti tordna illi l-perjodu operattiv ta' erba'(4) snin indikat fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta'Novembru 2007, jerga' jibda jghodd mill-llum.

Ghal rigward tal-ewwel akkuza, il-Qorti tiddikjara il-procediment ezawrit in vista tar-rinunzja tal-genituri u ta' Omissis minuri.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-*Probation Services*.
Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, il-fedina penali tieghu, ic-cirkostanzi specjali tal-kaz, u il-fatt illi l-imputat u Omissis minuri illum il-gurnata ghandhom familja stabbilita u qedghin jindukraw tlett it-tfal.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------